# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

***MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO***
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 24 ta' Frar 2023**

**Johanna Zammit (ID 249259(M)**
**John Cefai (ID 107548(M)**
**Angela Galea (ID 77762(M)**
**Jean Paul Zammit (ID 9467(M)**

**vs**

**Raymond Dark (ID 0071459(M)**

**Kawża Numru : 9**
**Rikors Numru : 695/21 NB**

**Il-Bord,**

**I. <u>PRELIMINARI</u>**

**Ra r-rikors r-rikors bil-proceduri sommarja specjali ta' Johanna Zammit (K.I. 249259M et datat 30 ta' Settembru 2021 fejn gie espost:**

*1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 48, Triq San Lawrenz Isla liema proprjeta kienet mikrija lil Raymond Dark (K.I. 0071459M).*

*2. Illi b'sentenza tal-Bord Illi Jirregola l-Kera Rikors Numru 176/2019 fl-ismijiet Johanna Zammit et vs Raymond Dark et deciza fis-16 ta' April 2021 hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument A</u>".*

*3. Illi ai termini tal-istess sentenza Ii l-kera Ii ghandha tithallas mill-intimat tammonta ghal €3,250 fis-sena ghall-ewwel mill-iskadezza Ii jmiss mill-11 ta' Awwissu 2021 sal-10 ta' Awwissu 2022.*

*4. Illi huwa kien morus fil-hlas ta' sena kera wkoll mill-11 ta' Awwissu 2020 sal-10 ta' Awwissu 2021 bir-rata ta' €500 fis-sena.*

*5. Illi komplessivament l-intimat ghandu jaghti lir-rikorrenti l-ammont ta' €3,750.*

*6. Illi ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, "il-kiri jista' ukoll jinhall, ghad Ii ma jkunx hemm il-kundizzjoni rizoluttiva, jekk wahda mill-partijiet ma tezegwix l-obbligazzjoni taghha; u, f'kull kaz bhal dan il-parti Ii lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet ezegwita tista' taghzel jew Ii ggieghel lill-parti l-ohra ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew Ii titlob il-hall tal-kuntratt flimkien mal-hlas tad-danni ghan-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-kuntratt:*

*lzda, fil-kaz ta' fondi urbani, djar ta' abitazzjoni u fondi kummercjali fil-kaz ta' nuqqas puntwali tal-kera, il-hall jista' jintalab biss wara Ii s-sid ikun interpella lill-inkwilin permezz ta' ittra ufficjali u l-inkwilin ikun, minkejja dak l-avviz, naqas milli jhallas dik il-kera fi zmien hmistax-il jum minn notifika. "*

*7. Illi b'ittra ufficjali tal-17 ta' Awwissu 2021 "<u>Dokument B</u>" hawn anness, l-esponenti avvertew lill-intimat illi huwa moruz fil-hlas ta' €3,250 oltre kull ammont iehor arretrat ammontanti ghal €500.*

*8. Illi l-intimat sa fejn jafu r-rikorrenti, m'ghandhux ebda difiza x'jaghti kontra t-talba taghhom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensata mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjalii kif stabbiliti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil dan L-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimata sabiex tidher quddiem il-Bord fil-gurnata u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f'kaz Ii l-intimata tkun kontumaci f'dik is-seduta, jew inkella jekk hija tonqos milli turi f'dik is-seduta Ii jkollha difiza Ii tiswa' u Ii jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord Ii Jirregola l-Kera ghandu:*

*i. Jiddikjara u Jiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond 48, Triq San Lawrenz Isla ossia mikri mir-rikorrenti lill-intimat Raymond Dark (Kl. 0071459M) ghandha tigi terminata ai termini tal-ligi ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema zgumbrament ghandu jsir fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dan il-Bord u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord jidhrulu xieraq u opportun.*

*ii. Jordna l-izgumbrament tal-intimat Raymond Dark (KI 0071459M) mill-fond 48, Triq San Lawrenz Isla fi zmien qasir u perentorju.*

*iii. Jiddikjara u Jiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli wkoll ghal kull kumpens jew kunsiderazzjoni ohra dovuta jew danni ghal kwalunkwe kumpens dovut wara dik id-data sal-effettiv zgumbrament u jillikwida l-istess ammonti.*

*iv. Jikkundanna lill-intimat sabiex jhallas kull kumpens jew kunsiderazzjoni ohra dovuta jew danni ghal kwalunkwe kumpens dovut wara dik id-data sal-effettiv zgumbrament, inkluz kwalsiasi kontijiet tad-dawl u ilma jew kontijiet ohrajn sal-effettiv zgumbrament.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata ghas-subizzjoni .*

**Ra li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2022, wara li sema sottomissjonijiet dwar it-talba tal-atturi sabiex il-kawza tinstema bil-procedura sommarja specjali, l-Bord qies li kien hemm difiza valida x'titressaq mill-intimat u akkordalu terminu ta' 20 jum biex jipprezenta r-risposta.**

**Ra r-risposta ta' Raymond Dark KI 71459(M) datata 17 ta' Frar 2022 (fol 30) fejn gie eccepit:**

1. *Illi l-ewwel u t-tieni talbiet ghandhom jigu michuda stante li l-kirja hija wahda li bdiet qabel is-sena 1995, huma d-disposizzjonijiet tal-Kap 69 li ghandhom japplikaw u mhux l-artikolu 1570 tal-Kap 16;*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz, ma gewx sodisfatti l-elementi biex l-esponent jigi zgumbrat mill-fond in kwistjoni;*

3. *Illi t-tielet talba hija irritwali ghaliex wiehed ma jistax jitlob li jinghata kumpens jew danni ghal xi haga li tista´ssir wara l-ghotja tas-sentenza f'dawn il-proceduri;*

4. *Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda wkoll ghaliex il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jghajtu lill-esponenti u mhux lir-rikorrenti u ghalhekk jekk hemm ammont dovut huwa dovut lil min jipprovdi s-servizzi u mhux lir-rikorrenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni*

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 fejn il-kawża tħalliet ghallum għas-sentenza.**

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond 48, Triq San Lawrenz, Isla peress li kien moruż fil-ħlas tal-iskadenzi tal-kera bejn il-11 ta' Awwisssu 2021 u l-10 ta' Awwissu 2022 u s-sena ta' qabel ossia 11 ta' Awwisssu 2020 u l-10 ta' Awwissu 2021 ammontanti b'kollox ghal €3,750 u b'hekk bi ksur tal-Art. 1570 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kera ghall-iskadenza bejn il-11 ta' Awwisssu 2021 u l-10 ta' Awwissu 2022 ġiet stabbilita minn dan il-Bord diversament presjedut permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Johanna Zammit et vs Raymond Dark" deċiża fis-16 ta' April 2021 (Rikors 176/2019SG) (Dok. A – fol 8 sa 23). Minkejja li l-intimat ġie debitament interpellat għal ħlas permezz ta' ittra uffiċjali (Dok. B – fol 7) debitament notifikata lilu huwa baqa' moruż.

Permezz tar-risposta tieghu l-intimat jgħid li l-Artikoli 1570 tal-Kap. 16 mhuwiex applikabbli peress li l-kirja bdiet qabel l-1995, ma jeżistux l-elementi sabiex huwa jiġi żgumbrat, it-talba fir-rigward ta' kumpens jew danni hija rrita u fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, dawn is-servizzi jinsabu reġistrati fuq l-inkwilin u b'hekk l-ebda ammont m'huwa dovut lir-rikorrenti.

Il-Bord ra wkoll l-affidavit ta' **Johanna Zammi**t (Dok. JZ1 – fol 5 sa 6) fejn tikkonferma l-fatti u x-xhieda tagħha tat-13 ta' Ġunju 2022 (fol 33A sa 35) fejn tikkonferma li mid-data tas-sentenza l-intimat kien obbligat ihallas kera ta' €3,250 fis-sena. Tghid li f'Ottubru 2021 l-intimat għamel żewġ ħlasijiet – fil-5 ta' Ottubru pagament ta' €1,000 li kien ikopri parti mill-kera ta' snin ta' qabel u l-kumplament part-payment li sar l-aħħar fil-15 ta' Ottubru 2021 fejn iddepozita €300. Ix-xhud esebiet *transaction history* (Dok JZX 1 – fol 34 u 35) mnejn jidher li t-total imħallas huwa ta' €1,300 inkluża l-kera l-antika. Ghalhekk mis-sentenza tas-16 ta' April 2021 il-quddiem l-intimat ħallas l-ammont ta' €500 fir-rigward tal-kera l-antika u *part-payment* fir-rigward tal-kera miżjuda kif jidher fir-rendikont.

Fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 xehed **Reuben Bonnici** rappreżentant ta' ARMS Limited (fol 41a u 41b) li ppreżenta rendikont tal-aħħar kont maħruġ mill-ARMS liema kont jghajjat lil Frances Dark u fejn jirriżulta li l-ammont pendenti huwa ta' €727.07 (Dok. RB1 – fol 42 u 43) u statements (Dok. RB2 u RB3 – fol 44 sa 49). Ikkonferma li l-aħħar pagament (Dok. RB4 – fol 50) sar ġewwa l-Maltapost Cospicua.

Illi fit-trattazzjoni r-rikorrenti sostnew li l-intimat għandu jiġi żgumbrat ġjaladarba huwa ma ħallasx il-kera dovuta. Minn naħa l-oħra l-intimat jgħid li qabel xejn il-kirja hija

waħda protetta u għalhekk kellhom isiru żewġ interpellazzjonijiet u mhux waħda. Dwar it-talba ghal kumpens ghall-okkupazzjoni saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elvia Scerri vs Paul Agius** deċiża mill-Bord diversament presedut fl-10 ta' Novembru 2022 fejn il-Bord ma ffissax kumpens għall-kontinwazzjoni tal-akkomodazzjoni ladarba l-Bord kien ser jittermina l-kirja b'dan illi baqa riservat id-dritt ta azzjoni mid-data tas-sentenza sar-rilaxx effettiv tal-fond. Fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma sostna li t-talba għandha tiġi miċħuda għaliex il-kont huwa reġistrat fuq omm l-intimat, llum mejta, u għalhekk ir-relazzjoni hija bejn l-ARMS u l-intimat u mhux bejn l-ARMS u r-rikorrenti.

**IKKUNSIDRA**

Din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 1570 tal-Kap. 16 li jipprovdi:-

> *1570. Il-kiri jista' ukoll jinħall, għad li ma jkunx hemm il-kundizzjoni riżoluttiva, jekk waħda mill-partijiet ma teżegwix l-obbligazzjoni tagħha; u, f'kull każ bħal dan il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet eżegwita tista' tagħżel jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, meta dan jista'jkun, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni għan nuqqas tal-esekuzzjoni tal-kuntratt:*
>
> *Iżda, fil-każ ta' fondi urbani, djar ta' abitazzjoni u fondi kummerċjali fil-każ ta' nuqqas puntwali tal-kera, il-ħall jista'jintalab biss wara li s-sid ikun interpella lill-inkwilin permezz ta' ittra uffiċjali u l-inkwilin ikun, minkejja dak l-avviż, naqas milli jħallas dik il-kera fi żmien ħmistax-il jum minn notifika.*

Dan l-artikolu ġie ntrodott permezz tal-Att X tal-2009 u mhuwiex inkluż fl-Artikolu 1531B tal-Kap 16 li jgħid:-

> *Għal kirja li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, hekk iżda li mill-1 ta' Jannar, 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531Ċ, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K.*

Jirriżulta li l-fond ġie konċess lill-intimat permezz ta' enfitewsi temporanja fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tal-11 ta' Awwissu 1994 għal 21 sena dekorribbli mill-11 ta' Awwissu 1994 versu ċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm140 fis-sena. Il-konċessjoni ġiet terminata fl-10 ta' Awwissu 2015 bl-intimat inghata d-dritt ope legis li jibqa' jgħix fil-fond b'titolu ta' kera peress li kien ċittadin Malti u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni a tenur tal-Kap. 158. Skond il-Kap 158 tali kirja tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subartikolu 5(3)(b).

L-Artikolu 5(3)(b) tal-Kap. 158 jipprovdi:-

> *(3) Id-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma:*

...

*b) Sid il-kera jista' biss jirrifjuta li jġedded il-kirja, u jista' biss jieħu lura l-pussess tad-dar, meta tintemm il-kirja, jekk juri għas-sodisfazzjon tal-Bord, b'rikors biex jieħu lura l-pussess, li matul iż-żmien tal-kirja, il-kerrej kien naqas li jħallas il-kera dovut minnu għal żewġ skadenzi jew iktar fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li sid il-kera jkun talbu biex iħallas, jew għax ikun għamel ħafna ħsara fid-dar, jew għax xort'oħra jkun naqas milli jħares il-kondizzjonijiet tal-kirja jew l-obbligi tiegħu taħtha, jew għax ikun uża l-fond xort'oħra milli prinċipalment bħala r-residenza ordinarja tiegħu.*

Dan l-artikolu jispeċifika li f'każ ta' morożità fil-ħlas tal-kera, hija meħtieġa biss sejħa waħda għall-ħlas ta' żewġ skadenzi u jimponi terminu ta 15 il-jum ghall-hlas.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **John A. Gauci Maistre et vs Anthony Agius et (Rik 77/2015/1)** deċiża fit-22 ta' Settembru 2021 f'każ simili għal dan spjegat li huwa meħtieġ biss interpellazzjoni fir-rigward ta' żewġ skadenzi u mhux żewġ interprellazzjonijiet. Il-Qorti qablet ukoll mal-aggravju mressaq mill-appellanti li f'każ ta' morosita fil-ħlas tal-kera ta' kirjiet li kienu nbdew bħala enfitewsi temporanja taħt il-Kap. 158 għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(3)(b) tal-Kap. 158 ċjoe li sejħa waħda fir-rigward ta' żewġ skadenzi hija biżżejjed. F'din l-istess sentenza l-Qorti laqgħat ukoll l-aggravju tal-appellant li kellu wkoll japplika l-Artikolu 1570 tal-Kap. 12 minkejja li l-kirja kienet inbdiet qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009. Ingħad hekk:-

*35. L-appellanti spjegaw li l-azzjoni tagħhom hija maħsuba biex tindirizza lmorożità fil-kera kemm jekk il-liġi applikabbli hija l-Kap. 69, u anki f'każ li l-liġi applikabbli hija l-Kap. 16. L-appellanti spjegaw li r-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet bdiet meta l-fond inkwistjoni ingħata b'titolu ta' konċessjoni enfitewtika temporanja lil Anthony Agius fl-1980 u meta din il-konċessjoni ġiet fi tmiemha, it-titolu tal-fond ġie kkonvertit f'kera ope legis. L-appellanti qalu li l-kirjiet ikkostitwiti bis-saħħa tal-Kap. 158, għandhom ikunu regolati mil-Kodiċi Ċivili, u l-artikolu 5(3)(b) tal-Kap. 158 jispeċifika li f'każ ta' morożità fil-ħlas talkera, hija meħtieġa biss sejħa waħda għall-ħlas ta' żewġ skadenzi, filwaqt li ddispożizzjonijiet tal-Kap. 69 ma japplikawx għaċ-ċirkostanzi odjerni. Lappellanti spjegaw li l-artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili jispeċifika li l-kirja tista' tiġi xolta jekk l-inkwilin jonqos li jħallas il-kera wara li jgħaddu ħmistax-il ġurnata min-notifika lilu tal-ittra uffiċjali għall-ħlas.*

*Fil-każ odjern, l-appellanti bagħtu littra uffiċjali lill-appellati fis-17 ta' Marzu, 2015, u din ġiet notifikata lillappellati billi tħalliet ma' Emmanuela Agius fl-24 ta' Marzu, 2015. Minn dakinhar għaddew aktar minn ħmistax-il ġurnata, u l-appellati baqgħu ma ħallsux, u għalhekk anki taħt dan il-parametru l-Bord kellu jiddeċiedi li lappellanti ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kodiċi Ċivili sabiex ikunu jistgħu jipproċedu bl-azzjoni odjerna. Il-Qorti, wara li kkonsidrat il-fatti kif seħħew, tqis li dan laggravju huwa mistħoqq u tilqgħu, filwaqt li taqbel fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif*

*seħħew, kien il-Kodiċi Ċivili bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Kap. 158, li kellu japplika għall-każ.*

Mill-provi prodotti f'dan il-kaz jirriżulta li permezz tal-ittra uffiċjali 3483/21 (Dok B – fol 7) datata 17 ta' Awwissu 2021 u notifikata fit-2 ta' Settembru 2021 ir-rikorrenti nterpellaw lill-intimat iħallas żewġ skadenzi:- i) l-ammont ta' €3,250 rappreżentanti ħlas ta' sena mid-data tas-sentenza tal-Bord 16 ta' April 2021 u ii) arretrati li kien għadu ma ħallasx dovuti qabel is-sentenza msemmija. Il-Bord iqis li dawn jammontaw għal żewġ skadenzi. L-ittra ġiet notifikata fit-2 ta' Settembru 2021 u l-intimat għamel l-ewwel ħlas fil-5 ta' Ottubru ta' €1,000 u għamel part-payment fil-15 ta' Ottubru ta' €300 b'hekk fl-ammont totali ta' €1,300. Fiż-żewġ ċirkostanzi l-ħlas li sar kien aktar minn ħmistax-il ġurnata wara li ġie notifikat bl-ittra uffiċjali u sar f'ammont li huwa anqas minn dak dovut. B'hekk il-Bord ser jilqa' l-ewwel u t-tieni talba.

Fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni u kundanna għal ħlas ta' kumpens jew kunsiderazzjoni oħra dovuta jew danni għal kwalunkwe kumpens dovut sal-iżgumbrament effettiv u kundanna ghal hlas fir-rigward ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma jew kontijiet oħra.

### *i. Kumpens għall-kontinwita' tal-okkupazzjoni*

F'dan il-kuntest l-intimat jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Elvia Scerri et vs Paul Agius** (**104/18 JD**) deċiża mill-Bord diversament presedut fl-10 ta' Novembru 2022 fejn ngħad:-

*Illi fid-dawl tal-fatt li dan il-Bord wasal għall-konklużjoni li l-kirja se tiġi dikjarata mitmuma permezz ta' din id-deċiżjoni jsegwi li mhux se jiġi ffissat kumpens għall-kontinwita' tal-okkupazzjoni bid-dritt tar-rikorrenti li jipperċepixxu l-iskadenzi tal-kera. Il-Bord jirriżerva d-dritt tar-rikorrenti li jipproċedu kontra l-intimat għall-okkupazzjoni tal-fond mid-data tallum sar-rilaxx effettiv tal-fond.*

Minkejja li din is-sentenza tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, il-Bord kif presjedut huwa tal-istess fehma ċjoe li fid-dawl tal-fatt li dan il-Bord wasal għall-konklużjoni li l-kirja se tiġi dikjarata mitmuma permezz ta' din id-deċiżjoni mhux se jiġi ffissat kumpens għall-kontinwita' tal-okkupazzjoni salv id-dritt tar-rikorrenti li jipperċepixxu l-iskadenzi tal-kera u bid-dritt tar-rikorrenti li jipproċedu kontra l-intimat għall-okkupazzjoni tal-fond mid-data ta' llum sar-rilaxx effettiv tal-fond għandu jibqa' riżervat.

### *ii. Kontijiet tad-dawl u l-ilma*

In kwantu għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma, mid-dokumenti esebiti minn Reuben Bonnici (fol 42 *et seq*) jirriżulta li l-kontijiet m'humiex reġistrati f'isem ir-rikorrenti u għalhekk l-ammonti dovuti lil ARMS m'humiex dovuti minnhom iżda mill-intimat. F'każ

li l-intimat jibqa moruża fil-ħlas lill-ARMS u l-ammont dovut jitħallas mir-rikorrenti, ir-rikorrenti dejjem għandhom dritt ta' rivalsa fuq l-intimat.

## III. <u>KONKLUŻJONI.</u>

Illi ghalhekk għal dawn il-motivi il-Bord jiddisponi minn din il-kawża billi:-

1. Jilqa' l-ewwel u t-tieni talba u jiddikjara li l-lokazzjoni tal-fond 48, Triq San Lawrenz, Isla favur l-intimat Raymond Dark (K.I. 0071459M) hija xjolta u terminata u jipprefiġġi terminu perentorju ta' xaharejn mil-llum sabiex l-intimat jiżgombra mill-fond imsemmi.

2. Jiċħad it-tielet u r-raba' talbiet, b'dan li r-rikorrenti għandhom id-dritt jippercepixxu l-iskadenzi tal-kera skond is-sentenza tal-Bord tas-16 ta' April 2021 sallum filwaqt li huwa riżervat lilhom li jipproċedu kontra l-intimat għall-hlas tal-okkupazzjoni tal-fond mid-data ta' llum sar-rilaxx effettiv.

3. Jichad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak deciz hawn fuq.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-intimat.

**Moqrija**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAGISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Registratur**

**24 ta' Frar 2023**